## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IR-REPUBBLIKA TA' MALTA V. ALATAYA ABDELAZIM OMER IBRAHIM (P. 21J-009)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**10 ta' Jannar 2024**

IL-QORTI,

rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra Alataya Abdelazim Omer Ibrahim ta' tlieta u għoxrin (23) sena, iben Omar u Wafa xebba Malik imwieled ġewwa s-Sudan nhar id-19/12/2000, residenti f'Garage fi Triq Papa Piju XII, Ħaż-Żabbar, detentur tad-dokument tal-Pulizija bin-numru 21J-009, li ġie mressaq taħt arrest illum 10 ta' Jannar 2024 u akkużat talli:

**'b' diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b' riżoluzzjoni waħda:**

1. **Nhar il-ħamsa (5) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgħa u ghoxrin (2024) ġewwa l-Belt Valletta, Malta u/jew fi bnadi oħra f' dawn il-Gżejjer, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, liema serq huwa kwalifikat bil-ħin u bil-valur liema valur jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) għad-dannu ta' Francesco Diaco u/jew persuni oħra u/jew entita'/entitajiet oħra;**

2. **Nhar it-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgħa u ghoxrin (2024) ġewwa ta' Sliema, Malta u/jew fi bnadi oħra f' dawn il-Gżejjer ikkommetta serq ta' diversi oġġetti għad-dannu tal-entitajiet 'Nike Store' u 'Caliope' u/jew persuni oħra u/jew entita'/entitajiet oħra u/jew il-propjetarji tagħhom'**

rat li ġiet mitluba sabiex, fil-każ ta` ħtija, barra milli tinfliġġi l-piena skont il-liġi, meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta` parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħalma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni, u dan skond kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta.

rat li ġiet ukoll mitluba sabiex, fil-każ ta` ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-Liġi, meta tagħti s-sentenza tordna lil-ħati sabiex jirrestitwixxi lil parti offiża kull ħaġa minnu misruqa bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat jew li jħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra u dan ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

rat li waqt is-seduta tal-lum 10 ta' Jannar 2024 meta sar l-eżami tal-imputat bla theddid, bla twegħid u bla ġurament ai termini tal-Art. 370(4), 390(1) u l-Art. 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja u wara li l-Qorti tagħtu żmien xieraq sabiex iwieġeb għal din il-mistoqsija, l-imputat wieġeb li m'għandu l-ebda oġġezzjoni f'dan ir-rigward,

rat illi l-Avukat Ġenerali tat il-kunsens tagħha sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja,

rat illi fl-istess seduta, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk jixtieqx iwieġeb dwar il-ħtija o meno tiegħu, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih,

rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputat jikkonsulta l-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha,

rat li meta reġgħet issejħet il-kawża  l-imputat reġa wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena,

qed tagħti din is-

## Sentenza

**Fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija l-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi ossia l-Artikoli: 18, 20, 261(c), 261(f), 267, 270, 279(a), 280(1) u 284 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih u tikkundannah għal piena karċerarja ta' tmien (8) xhur. Il-Qorti tordna illi l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja**

**skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |